MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 78/2009

Angelo Saliba
vs
Carmelo sive Charles Brincat u Antoinette Brincat

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih espona:

1. Illi r-rikorrent jinsab kreditur ta' l-intimati fis-somma ta' sitta u sittin elf seba' mija hamsa u sittin ewro u sebgha u sittin centezmi (€66,765.67), ekwivalenti ghal tmienja u ghoxrin elef sitt mija u tnejn u sittin liri Maltin u hamsin centezmi (Lm28,662.50), dovuti kwantu ghal tlieta u sittin elf seba' mija u wiehed u tletin ewro u sitta u sittin centezmi (€63.731.66), ekwivalenti ghal Lm27,360, bhala rifuzjoni ta' self moghti lilhom mir-rikorrent, u l-bilanc ta' tlett elef u erbgha u tletin ewro (€3034), ekwivalenti ghal Lm1,302.50, hlas ghal xogholijiet ezegwiti minnu fuq inkarigu ta' l-intimati.

2. Illi r-rikorrent talab diversi drabi lill-intimati sabiex ihallsuh l-ammont hekk dovut, pero` baqghu inadempjenti.

3. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehema tar-rikorrent l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-ammont imsemmi.

Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista tirrizulta mehtiega, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti joghgobha:

i. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

ii. konsegwentement tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrent is-somma ta' sitta u sittin elf seba' mija hamsa u sittin ewro u sebgha u sittin centezmi (€66,765.67) dovuta minnhom kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' Novembru 2005 u ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Dicembru 2006, u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali kwantu ghal Lm10,000 b'effett mill-10 ta' Lulju 2005 u kwantu ghall-bilanc mid-data tas-sentenza, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati, li gew ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta’ Angelo Saliba li fih issemma li hu jsostni li ghandu jiehu minghand l-intimati l-ammont ta’ €66,765.67. Semma li hu kien silef lill-intimati Lm10,000 fl-10 ta’ Lulju 2005 biex ihallsu depozitu fuq konvenju ta’ xiri ta’ post u l-intimati wiegheduh inghax ta’ 8%. Wara kien ukoll ghamlilhom xogholijiet bhala *handyman* u sostna li ta’ dan kellu jiehu Lm1,302.50. Zied li sussegwentement kien silifhom diversi somom li jammontaw ghal Lm17,360. Qal li minkejja weghediet ta’ hlas hu baqa’ ma thallas xejn mill-intimati.

Xehed Angelo Saliba u qal li m’ghandux xi jzid mad-dikjarazzjoni guramentata. Ikkonferma li silef lill-intimati Lm27,360 ekwivalenti €63,731 u ma tawh xejn lura. Qal li kellu jiehu wkoll Lm1,200, ekwivalenti ghal €2329.37 tax-xoghol.

Rat li l-intimati debitament notifikati skond il-ligi ma dehrux ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghalihom.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent jidhru gustifikati, u l-Qorti peress li hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess qed tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili u konsegwentement tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrent is-somma ta’ sitta u sittin elf seba’ mija hamsa u sittin ewro u sebgha u sittin centezmi (€66,765.67) dovuta minnhom kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-27 ta’ Novembru 2005 u ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Dicembru 2006, u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali kwantu ghal Lm10,000 b’effett mill-10 ta’ Lulju 2005 u kwantu ghall-bilanc mid-data tas-sentenza, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------